# 60 Sena mit-Tberik tal-Ewwel Ġebla tar-Rotunda

Sabiex infakkru dan l-anniversarju importanti fl-istorja tar-Rotunda u tal-parroċċa, mill-arkivju tal-parroċċa qed nirriproduċu numru ta' ritratti storiċi kif ukoll id-dokumentazzjoni (f'malti aktar modern) li kien niżżel il-mibki iżda qatt minsi Arċipriet, il-Wisq Rev. Dun Ġużepp Grech, fl-okkażjoni tat-tberik tal-ewwel ġebla.

Kien fi żmien l-imsemmi Arċipriet li ntgħelbu d-diffikultajiet biex dan il-proġett maestuż seta' jibda.

Inċidentalment fit-18 t'Ottubru li għadda fakkarna l-40 sena mill-mewt tal-istess Arċipriet, li litteralment ta ħajtu għar-Rotunda.


Tberik ta' l-ewwel ġebla.
Fit 3 ta Mejju 1952 l'Arċipriet Gpe Grech accompaniat mil Kleru, mil fratelli u mil poplu poġġa solennement is-Salib fejn għandu jitpoġġa l'altar maġġur tal Knisja Rotunda.
Il'4 ta Mejju 1952. l'Iskof Gpe Pace D.D. daħal sollennement fix-Xewkija fejn mil mitħna tal Knisja gie accompaniat mil Banda il Leone min squadra ta 9 żwiemel u migbud bil ħbula, fil ħin li ħafna bil Bandieri, bil palm u bl'iscrizzjonijiet ta Viva il Papa. Viva l'Iskof Viva l'Arċipriet Grech u il Kleru tax-Xewkija Viva il Knisja Rotunda tax-Xewkija, kienu mexjin kuddiem il Carozza tal'Iskof u folol kbar ta nies iċapċpu u iselmu lil Iskof fost id-dakk tal kniepen u l'isparar tal bombi fuk il bjut u il m...

Fit-3 ta' Mejju 1952, l-arċipriet Ġużeppi Grech akkumpanjat mill-kleru, mill-fratelli u mill-poplu poġġa solennament is-Salib fejn għandu jitpoġġa l-altar maġġur tal-Knisja Rotunda.

Fl-4 ta' Mejju 1952, l-Isqof Giuseppe Pace D.D daħal solennament fix-Xewkija fejn mill-mitħna sal-knisja ġie akkumpanjat mill-Banda Leone, minn skwadra ta' disat iżwiemel u miġbud bil-ħbula, fil-ħin li ħafna, bil-bnadar, bil-palm u bl-iskrizjonijiet Viva l-Papa, Viva l-Isqof, Viva l-Arċipriet Grech u l-Kleru tax-Xewkija, Viva lill-Knisja Rotunda tax-Xewkija, kienu mexjin quddiem il-karozza tal-Isqof u folol kbar ta' nies iċapċpu u jsellmu lill-Isqof fost id-daqq tal-qniepen u l-isparar tal-bombi fuq il-bjut u l-murtali fl-ajru.

Wara li l-isqof daħal fil-knisja u libes pontifikalment, ħareġ mill-knisja biex ibierek l-ewwel ġebla tal-Knisja Rotunda akkumpanjat mill-fratelli, mis-seminaristi, mill-kleru, miċ-ċerimonjier Tarcisio Gatt, mill-Arċipriet Grech, mill-Mons. Ant. Mercieca u mill-Mons. Celestino Galea PhD.

Wara l-Isqof imxew il-parrinijiet Kaptan Orazio Mizzi, is-sur Laurenz Zammit Haber, is-Sur Carlo Galea (tal-erba) u s-sur Emanule Magro (t'Akrex).

Warajhom imxew il-Perit Giuseppe D'Amato, l-inġinier, il-Kummissjonarju t'Għawdex Cav. Montanaro u l-Cav. A. Tabone M.D bħala xhieda.

X'ħin l-Isqof kien se jbierek l-ewwel ġebla u poġġa s-siġill tal-parċmina fil-qabar żgħir ta' din il-ġebla li kien fiha l-kelmiet li nsibu fil-*Libro Cronican* tax-Xewkija.

L-isqof poġġa magħha muniti prezzjużi u medalji tal-qaddisin. Din il-ġebla li qiegħda l-ewwel waħda taħt il-pilastru tal-kor *ad cornum evanġelii*[1].

1 Cornu tfisser qarn. Fl-antik, l-artal tas-sagrifiċċju kien jiġi ornat b'erba' qrun wieħed kull kantuniera tal-artal. Għalhekk, l-ewwel ġebla tar-Rotunda li tinsab





Ritratti storiċi li jmorru lura lejn il-jum tal-**Ħadd, 4 ta' Mejju 1952.** Dan il-jum miktub b'ittra tad-deheb fl-istorja tax-Xewkija immarka t-tberik u t-tqegħed tal-ewwel ġebla tar-Rotunda sewwasew 60 sittin sena ilu.







# 60 Sena mit-Tberik tal-Ewwel Ġebla tar-Rotunda







"Alla bagħtni fost-kom mhux biex ngħix paxxut u nsir sinjur, imma biex naħdem għal glorja t'Alla. Inwegħdkom li rrid inħalli saħħti kollha, il-ġid li nakkwista u mmut vittma għall-ġid ta' dan ir-raħal li huwa ssiġillat f'qalbi b'siġill ta' mħabba."

*Arċipriet*
*Dun Ġużepp Grech*




Malli tkantat il-litanija tal-qaddisin kollha u wara li l-arċipriet qara l-parċmina, l-isqof poġġa fil-qabar tal-ewwel ġebla, il-parċmina ffirmata minnu, mill-arċipriet Grech, minn żewġ Monsinjuri, mix-xhieda u mill-Perit D'Amato u ssiġilla l-qabar u hawn kaxxa infernali dehret tfaqqa fis-sema bħala sinjal ta' ferħ kbir għax Xewkina kollha. Wara li l-Isqof bierek l-ewwel ġebla, mgħejjun mill-bennej tal-Knisja is-Sur Ġużeppi Cauchi bierek u ssiġilla fiha l-qabar tagħha. L-isqof waqt il-kant tas-Salmi kompla jdur u jbierek il-pedamenti kollha tal-knisja il-ġdida, li madwarha kollu kien imżejjen bl-antarjoli u bil-bnadar, fjuri, rand u palm.

Wara li spiċċat din il-funzjoni, l-Isqof Pace, minn fuq katedra fil-beraħ, għamel diskors bil-*loudspeaker* tal-okkażjoni fejn qal lill-poplu biex jagħmel dejjem iżjed il-kuraġġ u jitlob lil Alla ħalli ma jdumx ma jkanta t-Te Deum, mhux hawn għall-arja aperta u fir-riħ, imma taħt is-saqaf Maestuż tal-Knisja Rotunda.

Imbagħad l-Isqof akkompanjat minn dawn kollha daħal fil-knisja u wara it-Tantum Ergo ta it-Trina Benedizzjoni[2].

Għal din l-okkażjoni, fuq il-bibien tal-faċċata tal-knisja l-qadima kien hemm żewġ skrizzjonijiet kbar waħda bil-Latin u l-oħra bil-Malti, miktubin minn Mons. Giuseppe Schembri, u filgħaxija il-faċċata tal-knisja u il-koppla tagħha, kif ukoll l-auricaria, is-siġra l-kbira tal-pjazza tax-Xewkija kienu illuminati bil-luċi elettrika, u l-fjakkli fuq il-bjut għamlu x-Xewkija kollha ħuġġieġa waħda.

Wara li spiċċa kollox , fid-dar parrokkjali tal-Arċipriet sar trattament sabiħ lill-Isqof u l-mistednin kollha.

N.B L-inċiżjonijiet li tpoġġew fuq l-faċċata tal-Knisja jinsabu miktubin fil-*Libro Cronican* tax-Xewkija.

Min din il-ġurnata sakemm għaddew 13-il xahar, il-knisja l-ġdida kellha diġà mibni madwarha kollu 12-il filata ġebel u nbnew il-kostruzzjoni ta' żewġ kolonni tal-koppla li jiswew £500- il waħda. Dawn il-kolonni tal-koppla huma tmienja.

1 irregalha l-Kap. Orazio Mizzi
2 irregalawha l-aħwa irġiel Magro Brothers (t'Aktrex)
3 irregalha l-Av. Guseppe Pace LLD minn tas-Sliema għan-nom tax-Xirka tal-Isem Imqades t'Alla u ta' Ġesù
4 irreglawha l-impjegati tal-gvern Xewkin
5 irregalawha s-sajjieda tax-Xewkija
6 għandhom jirregalawa in-negozjanti tax-Xewkija u l-oħrajn forsi jagħmluhom benefatturi oħra.

---

ħdejn id-daħla li mir-Rotunda twassal għall-mużew tal-Iskultura, f'kuntest tal-knisja l-qadima, kienet tiġi n-naħa tal-qarn tan-naħa fejn jixxandar l-Evanġelju.

2 Trina Benedizzjoni - Il-barka li jagħti l-isqof permezz ta' tliet slabeb.